# Beati u Qaddisin....Ottubru

## Santa Marija Margerita al Acocque 16 ta' Ottubru

It-tifkira ta' Santa Margerita Marija Alacoque, soru franciza hija marbuta mat-tixrid tad-devozzjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu', devozzjoni li ghadha tghodd fiz-zminijiet taghna tal-lum.

Din il-qaddisa kienet dik li svelat lid-dinja kollha l-imhabba bla qies li ghandu Gesu' ghalina midimbin u l-grazzji li lest jaghtina biex nikbru fil-qdusija.



Twieldet gewwa Borgogna fis-sena 1647. Margerita dahlet soru ma' l-ordni tal-Visitazzjoni ta' San Ffrangisk minn Sales u baqghet tghix maghhom ghal 20 sena u sa mill-bidu  hija offriet ruhha vittma lil Kristu. Bhala hlas ta' dan Kristu xerred fuqha grazzji abbandunati. Soffriet penitenzi u mortifikazzjonijiet bil-ferh ghal imhabba ta' Kristu l-gharus taghha. Hutha s-sorijiet ma fehmuhiex u s-Superjuri taghha ggudikawha hazin. Sahansitra d-diretturi spiritwali taghha ma kienu jafdawha ghaliex kienu jghidu li kienet vizzjonarja fanatika.

Kellu jkun l-Beatu Claudio La Colombiere li bhala diretturi spiritwali taghha fehemha, u offrielha gwida qaddisa.  Ordnalha li tikteb l-awtobiografija taghha u  l-esperjenzi axxetici li gew pubblikati ghal min ried jersaq aktar lejn Alla.

Waqt wahda mill-vizzjonijiet li kellha Gesu' qalilha, "  Hekk hu dik il-qalb li tant habbet il-bnedmin. Il-Qalb tieghi tixhet abbundanza ta' frott fuq dawk li jaghtuha qima.  Dawk li jonoraw l-Qalb Imqaddsa tieghi jehilsu mit-telfien ta' dejjem."

Bil-hila ta' din is-soru nibtet il-festa tal-Qalb ta' Gesu' u d-devozzjoni tal-prattika tad-disa l-Ewwel Gimghat tax-Xahar. Wara hafna tahbit u umiljazzjonijiet, intrebhet l-indifferenza u xterdet mad-dinja kollha dik-id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Gesu' li dehrilha fuq tron ta' fjammi, jiddi bhax-xemx, bil-pjaga adorabbli, mdawwra bix-xewk u fuqha imqieghed salib. Hija l-istess xbiha esposta f'bosta djar  biex tipprotegi lil dawk li jghixu f'dik id-dar, biex tipprotegi lill-familja nisranija u biex thares lid-dinja minn tant korruzzjoni u qerq.